MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 16/2012/2

Simonds Farsons Cisk plc

vs

Ivan Attard et

Illum 19 ta' Ottubru 2012

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta' Ivan Attard tat-30 ta' Jannar 2012.

Rat l-atti l-oħra tar-Rikors, inklużi d-dokumenti esebiti.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija proċedura taħt l-artikou 253(e) tal-Kap.12, fejn ir-rikorrent qed jikkontesta l-akkwist ta' titolu eżekuttiv da parti tas-soċjeta' ntimata dwar l-ammont indikat fir-Rikors, u dan wara l-ittra uffiċċjali mibgħuta mill-istess soċjeta' ntimata lir-rikorrenti u terzi.

Ir-rikorrent jikkontendi illi l-ammont ta' sebgħat elef, seba'mija u ħamsa u tletin euro (€7735), pretiż mis-soċjeta' ntimata rappresentanti sitt kambjali indikati fl-istess ittra uffiċċjali mhux dovut għax hemm erbgħa kambjali minn dawk indikati li ma kienux għadhom immaturaw meta saret din l-ittra uffiċċcjali, u għalhekk ma setax intalab l-import tagħhom.

Minn eżami tal-kopji esebiti tal-kambjali in kwistjoni, rriżulta minnu illi meta ġiet intavolata l-ittra uffiċċjali in kwistjoni fil-5 ta' Jannar 2012 kienu għadhom laħqu mmaturaw biss żewġ kambjali, u ċioe' (i) dik għal elf u ħames mitt euro (€1500) maħruġa fl-1 ta' Novembru 2010 u li kienet timmatura fit-30 ta' Apil 2011, u (ii) dik għal elfejn mija seba' u sittin euro (€2167) maħruġa wkoll fl-1 ta' Novembru 2010 u li mmaturat fil-31 ta' Ottubru 2011. Dan wara kollox kif tammetti l-istess soċjeta' ntimata fil-verbal tagħha tal-21 ta' Frar 2012.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi dwar dan ir-rikors billi, filwaqt illi tilqa' biss *in parte* t-talba tar-rikorrenti Ivan Attard, tikkonferma t-titolu eżekuttiv tas-soċjeta' Simonds Farsons Cisk plc. pero' limitatament fuq (a) il-kambjala għal elf u ħames mitt euro (€1500) maħruġa fl-1 ta' Novembru 2010 u li kienet timmatura fit-30 ta' Apil 2011, u (b) dik għal elfejn mija seba' u sittin euro (€2167) maħruġa wkoll fl-1 ta' Novembru 2010 u li mmaturat fil-31 ta' Ottubru 2011, filwaqt illi tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali l-oħra ndikati fl-ittra uffiċċjali in kwistjoni.

L-ispejjeż ta' din il-proċedura, fiċ-ċirkostanzi, jitħallsu kwantu għal żewġ terzi (2/3) mis-soċjeta' ntimata u terz (1/3) mir-rikorrent Ivan Attard.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------